# L-Ewwel Tħaffir tax-Xelters fil-Qrendi

*(L-Ewwel Parti )*

kitba ta' **Emmanuel Muscat**



L-ewwel attakki mill-ajru fuq Malta bdew fl-għodwa tal-11 ta' Ġunju 1940. Fl-ewwel jiem tal-gwerra mat-twissija tal-ħbit, mill-ajru kulħadd kien idabbar rasu kif jista'. Nies apposta bdew iżuru d-djar biex jagħtu pariri kif u fejn hu l-aħjar post fid-dar stess biex jiġi użat bħala kenn waqt *Air Raid*. Min kien jitgeddes taħt xi mejda jew jistkennu f'xi kantina. Oħrajn kienu jidħlu taħt it-taraġ jew garigor u kien hemm oħrajn li kienu jippreferu jorqdu fl-irziezet milli fir-raħal għaliex dan kien iktar vulnerabbli għall-attakki.

Ma tantx għadda żmien meta b'esperjenza n-nies intebhet li dawn ma kienu joffru l-ebda lqugħ għal kontra l-bombi. Il-Gvern induna bil-problema serja u maqbud f'paniku bl-għajnuna ta' l-Ammiraljat ta bidu għat-tħaffir ta' xelters pubbliċi fit-toroq, li kienu mħaffrin fil-fond fil-blat fejn in-nies kienu jistgħu jmorru jistkennu waqt l-*Air Raids*.

Fl-1 ta' Settembru 1940 is-Sur Edgar Gaffiero aktarx wieħed mir-refugjati u li kien joqgħod fi Triq is-Suq il-Qrendi kien bagħat ittra u petizzjoni iffirmata minn 170 persuna resident il-Qrendi fosthom il-kappillan Dun Nerik Mahoney lill-Gvernatur ta' Malta fejn tressqu għall-attenzjoni tiegħu diversi lmenti dwar li fir-raħal tal-Qrendi kien għad m'hemmx xelters lesti u li twissijiet permezz tas-sirena kienu jaslu tard u xi kultant ikunu diġà nxteħtu l-bombi ta' l-għadu. Għaldaqstant kien mitlub li tinġieb sirena fir-raħal u li minnufih jibda tħaffir tax-xelters fil-blat fit-toroq tal-Qrendi. Kien infetaħ file li jġib in-numru 3638/1940, suġġett Air Raid Shelters at Qrendi.

Fit-tweġiba tiegħu, is-Segretarju tal-Gvern f'ittra datata 27 ta' Settembru 1940, qal li l-Eċċ. Tiegħu l-Gvernatur ta l-attenzjoni tiegħu dwar l-ilmenti li tressqu u wera l-preokupazzjoni tiegħu.

Qal li qegħdin jitħaffru tmien xelters pubbliċi li fihom jistgħu jakkomodaw 840 persuna. Sintendi ma jinkludix




**Il-pjanta tax-xelters li kellu żewġ bokok f'Misraħ Santa Marija u bokka oħra quddiem il-Każin Santa Marija fi Triq il-Parroċċa**

xelters imħaffra fi djar privati. Id-Dipartiment tax-Xogħolijiet minnufih għandu jibda xogħol ta' tħaffir ta' żewġ xelters oħra, wieħed f'Misraħ Santa Marija u ieħor fi Triq Santa Katarina. Mhux talli hekk, talli x-xogħol tax-xelters kien qiegħed ikun organizzat aħjar taħt it-tmexxija ta' Mr. Maritg li kien magħruf mit-Tarzna. Fl-iskema se jinkludi l-Qrendi fejn se tingħat prijorità skond programm imfassal għall-irħula li kien deċiż mill-Gvern fl-aħjar interess tal-poplu Malti. L-ebda raħal ma kien se jkun ippreferut minn ieħor. Ix-xogħolijiet se jinkludu titjib fil-kantini. Dwar in-nuqqas ta' sirena: dawn kellhom jitqassmu kull fejn hemm bżonn, hekk kif ikunu disponibbli.



RECEIVED
-5 SEP 1940
L.G.O.

Q R E N D I,
1st. Sept. 1940

H. E. The Governor,
The Palace,
Valletta.

RECEIPT ACKNOWLEDGED
... 1940
LIEUT. GOVT ...

Your Excellency,

We, the undersigned, villagers and refugees of Qrendi, humbly beg to submit to you the following for your kind consideration:-

1. The population of Qrendi receives its air-raid alarm long after it is sounded in other places and sometimes the alarm is first given by the droning of enemy planes flying overhead.

2. Basements and other places are being converted into public shelters, but in our opinion some of these shelters are not safe and for this reason are not being used by the population.

3. No public shelter has yet been constructed at Qrendi like those which are being constructed in other villages.

4. Unused wells are situated in the main square of our village which will render easier and less expensive the construction of safe public shelters.

Therefore, we humbly beg your Excellency to order that a siren be located at a nearer place to our village and that public shelters safer than those we have at present be constructed for the safety of the people of Qrendi.

We have the honour to be,
Sir,
Your Excellency's devoted servants.

**L-ittra li kienet iffirmata min 170 resident u rifuġjat mill-Qrendi**

Fl-1 ta' Ottubru 1940 inkitbet ittra minn Kaptan H. Parnis England li kienet iffirmata minn 46 persuna mill-Qrendi fejn fiha esprim l-biża' tar-residenti tal-Qrendi biex jibda tħaffir tax-xelters b'mod immedjat għax ma kienet teżisti l-ebda protezzjoni għall-attakki mill-ajru f'din iż-żona perikoluża.

Tant kienu beżana l-Qrendin li fil-21 ta' Ottubru 1940 inkitbet ittra oħra li ġġib il-firma ta' Dr. Ġ. Borg, li kien jifforma wieħed mill-membri mhux uffiċjali tal-Kunsill Eżekuttiv fejn dan esprima xi lmenti tar-residenti Qrendin u rrimarka li t-tħaffir tax-xelters kien miexi b'mod kajman. Kien issuġġerit li x-xogħol għandu jsir permezz ta' offerta għax kien hemm min hu lest li jagħmel dan ix-xogħol fl-iqsar żmien.

Referenzi
Arkivju Nazzjonali ta' Malta
Dokument Xelters fil-Qrendi



**Ix-xelter ta' maġenb il-knisja tas-Salvatur imbarrat bil-ġebel. Dan ir-ritratt ġie meħud fid-9 ta' Awissu 1945, fl-okkażjoni tal-miġja ta' l-istatwa ta' l-Assunta mill-induratura.**